MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 611/2011

**Jibiri Joanna**
**ID-466380M**

**vs**

**Jibiri Paul James**
**ID-33780A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi l-kontendenti zzewgu fil-hamsa (5) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u ghandhom tlett-(3) ulied minuri Rachel, James William u Shanice, ahwa Jibiri; illi prezentement il-kontendenti ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni personali; illi fit-tmienja-(8) t’ Ottubru 2010 l-attrici intavolat rikors fejn fost l-ohrajn talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Familja jordna lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari ghall-imsemmijin minuri; illi permezz ta’ digriet (Nru: 1631/10) datat 27 t’

Ottubru 2010 (m’ hawn anness u mmarkat Dok. JJ1) l-Onorabbli Qorti tal-Familja laqghet il-hames-(5) talba u cioe’ ordnat lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari tal-minuri; illi nonostante l-fatt illi dan id-digriet ilu in vigore sa minn Ottubru 2010, l-intimat qatt ma hallas in-nofs tal-ispejjez straordinarji dovut minnu bhala missier l-imsemmijin minuri; illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ tmien mija tnejn u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€862.22c) liema ammont jirraprezenta n-nofs dovut mill-konvenut ghall-ispejjez straordinarji li l-attrici inkorriet ghal uliedhom minuri ghax-xhur ta’ Dicembru, 2010, Jannar, 2011, Frar, 2011, Marzu, 2011, April, 2011, Mejju, 2011 u Gunju, 2011 skont kif jidher mill-kopji tal-ircevuti m’hawn annessi u mmarkati bhala Dok.JJ2 sa Dok.JJ6; illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi (kif jidher mill-kopji tal-ittri li jirreferu ghall-ispejjes hawn fuq citati, m’hawn annessi u mmarkati bhala Dok.JJ7 sa Dok.JJ11) baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa, preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal, stante li l-forum kompetenti hija l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attrici mhuwiex dovut mill-konvenut.

Ra s-sentenza ta’ dan it-Tribunal datata 13 ta’ Jannar 2012 dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddecidi din il-kawza.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ra s-sentenza li nghatat fit-13 ta' Jannar, 2013 dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* sollevata mill-konvenut.

Semgha x-xhieda ulterjuri tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti monnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi kien hemm pendenti bejn il-partijiet kontendenti proceduri ta' medjazzjoni bil-ghan illi l-partijiet jottjenu s-separazzjoni personali; illi rrizulta wkoll illi fil-mori tal-medjazzjoni, inghata digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 27 ta' Ottubru, 2010, li in forza tieghu l-attrici talbet – fost ohrajn – illi l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari tat-tlett-(3) uliedu minuri, u l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici.

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-istess attrici qed titlob l-ezekuzzjoni ta' dak id-digriet, in kwantu qed titlob li jigi enforzat fil-konfront tal-konvenut dak il-parti tad-digriet msemmi, li jirrigwarda l-hlas tal-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, u f'dan ir-rigward ipprezentat il-fatturi u ricevuti relattivi, li jinkludu fost ohrajn spejjez ta' uniformijiet, *stationery*, *school outings,* medicinali, u oggetti relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari li jattendu ghalihom it-tfal, partikolarment l-Scouts. Illi oltre dan l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut ta' nofs l-ispejjez li hi nkorriet f'*babysitting*, ghaliex hi tahdem, u kien hemm okkazjonijiet fejn kienet tehtieg is-servizzi ta' *babysitter* sabiex joqghod mat-tfal.

Illi da parti tieghu, il-konvenut iddikjara illi sa Settembru, 2010, l-arrangament ma' martu dwar dawn l-ispejjez kien fis-sens illi meta kien imur jigbor lil uliedu fil-hin tal-access, l-attrici kienet tinformah dwar l-oggetti li t-tfal kienu jehtiegu, u tali oggetti jew kien jixtrihom hu, jew inkella jaghtiha s-sehem taghha minnhom. Illi skont id-deposizzjoni tieghu, dan l-arrangament sfaxxa u ma

baqax jigi applikat mill-attrici hekk kif inghata d-digriet tal-Qorti, hawn fuq imsemmi, ghaliex l-attrici ma baqghetx tikkonsulta mieghu dwar l-ispejjez li kienu mehtiega, izda semplicement ipprezentatu bil-kontijiet tal-infiq, u bdiet titolbu nofshom.

Illi l-konvenut iddikjara wkoll illi kien hemm okkazjonijiet wara Ottubru, 2010 illi anke hallas hu direttament ghal xi oggetti li kienu mehtiega ghat-tfal, fosthom ghal uniformijiet, hrug u attivitajiet ohra. Illi f'dan ir-rigward il-konvenut ipprezenta wkoll varji ricevuti, li hafna minnhom, madanakollu, huma datati Jannar u Frar, 2012, salv ghal ricevuta li hija datata Jannar, 2011, li jidher li hija ghal xi uniformijiet. Illi l-konvenut iddikjara wkoll illi wara Ottubru, 2010, hu ma hallasx aktar lill-attrici ghal spejjez medici u edukattivi konnessi mat-tfal, ghaliex ma kienx qed jinghata informazzjoni minghand l-istess attrici dwar f'hix kienu jikkonsistu l-ispejjez li kienet qedha taghmel.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat digriet fis-sens illi l-kura u l-kustodja tat-tliet-(3) ulied tal-partijiet kontendenti ghandha tibqa' kongunta bejniethom, filwaqt illi t-tfal kellhom ikomplu jirrisjedu mal-attrici; ordnat ukoll, fost ohrajn, illi l-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari tat-tliet-(3) ulied minuri ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Illi tali digriet necessarjament igib mieghu s-segwenti konsegwenzi, u cioe' illi l-attrici li ghandha t-tfal qeghdin jghixu maghha, ser tipprovdi ghal certi spejjez u htigijiet li jkun jonqoshom it-tfal, inkluz dawk medici u edukattivi, kif ukoll, u gialadarba l-kura u l-kustodja tal-ulied baqghet kongunta, illi ghandu jkun hemm konsultazzjoni bejn il-partijiet qabel ma jigu mwettqa spejjez ghat-tfal – partikolarment dawk li jirrigwardaw attivitajiet extra-kurrikulari, ghaliex dawk li huma medici u edukattivi huma mehtiega u m'ghandux ikun hemm ebda kontestazzjoni dwar in-neccessita' li jsiru tali spejjez.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut gie specifikament dikjarat illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija primarjament dwar il-*quantum* tal-ispejjez li qed titlob il-hlas tieghu l-attrici. Illi rrizulta wkoll illi l-kontestazzjoni principali tieghu hija dwar l-ispejjez ta' *baby sitting* li saru mill-attrici, u dan ghaliex l-attrici naqset milli tikkonsulta mal-konvenut dwar ma' min kellhom jithallew it-tfal waqt il-hin tax-xoghol taghha. Illi ghalkemm il-konvenut ma ghamel ebda dikjarazzjoni specifika in rigward fix-xhieda tieghu, madanakollu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jirreferi ghal servizzi li jigu pprovduti mill-Istat minghajr hlas ghaz-zamma tat-tfal li jkunu ghadhom ma bdewx jattendu l-iskola, bhala m'huma *playschools* u *kindergartens* fi skejjel statali.

Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati mill-attrici jirrizulta illi inizjalment fix-xhur ta' Dicembru, 2010 u Jannar, 2011 hi kienet tibghat lil xi hadd mit-tfal fi *playschool* (a fol. 8 u 13 tal-atti), izda eventwalment bdiet tuza s-servizzi ta' *babysitter* u dan ghaliex kif iddikjarat hi fix-xhieda taghha, dan is-servizz ta' *babysitting* kien orhos minn dak ta' *playschool*. Illi mill-atti ma jirrizultax jekk l-attrici kienitx 'gia tibghat it-tfal fi *playschool* qabel ma nghata d-digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), jew jekk kienx biss wara li nghta tali digriet li hi bdiet tuza dan is-servizz. Madanakollu, minn kopja ta' ittra legali datata 7 ta' April, 2011 (a fol. 42 tal-atti) li nbaghtet mill-atrici jidher illi l-konvenut kien kuntent li t-tfal kienu qed jattendu *playschool,* u l-attrici kienet qed tavza lill-konvenut permezz ta' din l-ittra illi kienet ser tibda tuza s-servizzi ta' *babysitter* minflok li tibghat it-tfal fil-*playschool* u dan peress illi s-servizz ta' *babysitting* kien kemmxejn orhos mis-servizz ta' *playschool.* Illi mill-atti ma jidhirx illi kien hemm risposta ghal din l-ittra legali, u lanqas ghal dawk ta' warajha, ghalkemm jidher illi kien hemm risposta ghall-ittra wahda datata 4 ta' Marzu, 2011 (a fol. 41 tal-atti) b'ittra legali datata 10 ta' Marzu, 2011 (a fol.78 tal-atti).

Illi ghalkemm it-Tribunal ma jhossx li huwa l-kompitu tieghu li jiddetermina jekk il-fatt li ntbaghtet l-ittra legali datata 7 ta' April, 2011 jikkostitwix konsultazzjoni adegwata jew sufficjenti bejn il-partijiet dwar it-tip ta'

spejjez li kienet ser twettaq l-attrici, partikolarment f’dak li jirrigwarda l-uzu ta’ servizzi ta’ *babysitter invece che* ta’ *playschool*, madanakollu, jhoss li huwa ferm rilevanti l-fatt illi jidher illi l-konvenut ma kellux oggezzjoni li t-tfal jintbaghtu fi *playschool*. Illi huwa ferm rilevanti wkoll illi l-konvenut ma bghat ebda ittri ohra sabiex jikkontesta d-decizjoni li hadet l-attrici dwar x’servizz kellu jintuza ghal dak li jirrigwarda l-kura tat-tfal waqt il-hin tax-xoghol taghha. Illi t-Tribunal japprezza illi l-komunikazzjoni bejn partijiet li jkunu ghaddejjin min process ta’ separazzjoni personali tkun, generalment, limitata u sforzata hafna, madanakollu, kemm-il darba l-konvenut kellu xi oggezzjoni gravi u serja ghall-informazzjoni li kienet qed taghtih l-attrici permezz tal-ittra legali msemmija, sigurament illi kien jibghat risposta permezz ta’ ittra bhal ma kien sar f’okkazjoni precedenti.

Illi ghalkemm l-argument imressaq mill-konvenut illi tali spiza ta’ *playschool* u *babysitting* ma tinkawdrax ruhha specifikament f’dak li huwa intiz bhala spejjez edukattivi, madanakollu, it-Tribunal ma jistax jiskarta l-fatt illi jidher illi qabel ma nghata d-digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il-konvenut ma kellu ebda oggezzjoni illi uliedu jintbaghtu fi *playschool*, u allura jsegwi illi jekk tali spiza kienet qed tinqasam bejn il-partijiet qabel ma nghata tali digriet, alura tali spiza ghandha tkompli tinqasam ukoll wara li nghata dan l-istess digriet.

Illi dwar l-ispejjez l-ohra, mertu ta’ din l-azzjoni, u liema spejjez huma lkoll sostanzjati b’varji ricevuti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dawn jinkwadraw ruhhom f’dak kontemplat fid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), u ghalhekk il-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghal nofs tali spejjez; bl-eccezzjoni ta’ dik l-ispiza li tittratta dwar medicinali li jidher illi kienu intizi ghall-uzu tal-attrici, u li dwarhom gietipprezentata r-ricevuta a fol.24 tal-atti, u li ghalhekk is-sehem tal-konvenut li ghandu jigi mnaqqas huwa fl-ammont ta’ ewro u hmistax il-centezmu (€1.15c) mill-ammont reklamat mill-attrici. Illi mill-kumplament, it-talba tal-attrici tidher li hija gustifikata u sodisfacentement ipprovata, u ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’t-talba tal-istess attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa’ t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tmien mija wiehed u sittin ewro u seba’ centezmi (€861.07c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.
L-ispejjez, inkluz tas-sentenza preliminari, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------